MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Talba Numru. 93/2009

**Aquatess Marketing Limited (C 33435)**

**vs**

**Grezzju Mifsud**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' mija u sebgha u sebghin ewro (€177) jew somma verjuri rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lil konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju, 2008 u ta` l-ittra legali tas-26 ta' Novembru, 2008 u bl-imghax bit-8% fuq €177 mis-27 ta' Gunju, 2008 sal-hlas effettiv, nkluz €23.30 konsult – kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fil-25 ta' Marzu, 2009 mill-Avukat Dr. Renato Cefai u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta din il-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------